MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2009

Rikors Numru. 161/2009

**Victoria mart Philip de Domenico**

***Versus***

**Philip Grima**

Dan huwa provediment fuq rikors magħmul fid-19 ta’ Frar 2002 minn Philip Grima [“is-sekwestrat”] taħt l-art. 281 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili biex il-qorti tħassar mandat ta’ sekwestru esekuttiv (1) għax inħareġ minn qorti li ma hijiex kompetenti *ratione valoris* u (2) għax inħareġ għall-ħlas ta’ mgħaxijiet li s-sekwestranti ma għandhiex titolu esekuttiv dwarhom. Victoria de Domenico [“is-sekwestranti”] wieġbet fid-9 ta’ Marzu 2009. Il-mandat kien inħareġ minn din il-qorti fuq talba tas-sekwestranti għal sitt elef u mitejn euro (€6,200) li s-sekwestranti tippretendi b’titolu ta’ mgħax fuq *sorte* likwidat b’sentenza mogħtija minn din il-qorti fit-18 ta’ Mejju 2006 u konfermata mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta’ Novembru 2008. Is-sekwestrat qiegħed igħid illi din il-

qorti ma kellhiex kompetenza *ratione valoris* biex tordna l-ħruġ tal-mandat, li seta' jinħareġ biss mill-Qorti tal-Maġistrati.

Dan l-argument tas-sekwestrat huwa manifestament frivolu. Ladarba l-mandat inħareġ għall-ħlas ta' dak li s-sekwestranti tippretendi li huwa dovut bis-saħħa ta' sentenza ta' din il-qorti (għalkemm imwettqa fl-appell) hija din il-qorti li għandha s-setgħa, taħt l-artt. 264(1) u 265 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li toħroġ mandati għall-esekuzzjoni tas-sentenza.

Is-sekwestrat ikompli jgħid illi s-sekwestranti ma għandhiex titolu esekuttiv għal imgħaxijiet, u hawnhekk għandu raġun. Il-kwistjoni ma hijiex jekk humiex dovuti mgħaxijiet, jew minn meta kellhom jibdew igħaddu, iżda jekk hemmx titolu esekuttiv għalihom.

Tassew illi fiċ-ċitazzjoni li biha nbdiet il-kawża maqtugħa bis-sentenzi msemmija fuq, is-sekwestranti kienet għamlet it-talbiet tagħha "bl-interessi u bl-ispejjeż", iżda l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, għalkemm laqgħet it-talba għall-ispejjeż, ma ipprovdietx dwar l-imgħaxijiet, u l-Qorti tal-Appell kull ma għamlet kien li "tikkonferma s-sentenza appellata" kif mogħtija – ma setgħetx tagħmel mod ieħor għax il-konvenut biss appella, u l-attriċi ma setgħetx tappella *ab omissa decisione*.

Billi għalhekk is-sekwestranti ma għandhiex titolu esekuttiv għall-imgħaxijiet, ma setgħetx tikseb il-ħlas tagħhom b'mandat esekuttiv.

Il-qorti għalhekk tilqa' t-talba għat-tħassir tal-mandat u tordna l-ħruġ tal-kontro-mandat relattiv. L-ispejjeż tħallashom is-sekwestranti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------